MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 29/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 21 ta' Gunju 2011 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |
| Skuzat: | Il-Kunsillier | Sur Matthew Agius |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar l-Erbgha, 15 ta' Gunju 2011. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 28/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Awditjar tal-Finanzi tal-Kunsill ghas-sena finanzjarja 2010.
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati
8. Affarijiet oħra jekk urġenti.
9. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 29/K6/2011

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 28/K6/2011

1146. Is-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

1147. Dott. Grima qal li ghanda tizdied is-sentenza ‘Dott. Grima issekonda’ f’minuta 1104.

1148. M Baldacchino qalet li l-kelma ‘kuncert’ f’minuta 1122 ghanda tinbidel u issir ‘attivita’.

1149. Dwar minuta 1129 (a), M Baldacchino qalet li l-minuta ghanda tigi taqra ‘Dwar ic-Centru tal’ Matul il-Jum ghall-Anzjani, M Baldacchino irringrazzjat lill-Kunsillier E Abela talli bl-involviment tieghu gab *sponsorship* tal-materjal kollhu ghal kmamar tal-banju b’xejn. Il-Kunsill irringrazzja lil E Abela.

1150. C Selvaggi qal li ghanda tizdied minuta b’numru 1142(b) li tghid ‘C Selvaggi tkellem fuq il-Green Wardens u s-Sindku qal li ser iressaq dan l-ilment’.

1151. Is-Sindku resaq il-minuti ghall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti gew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

1152 (a) Dwar minuta 1103, C Selvaggi saqsa lis-Sindku jekk kienx iddiskuta il-materji msemmija mal-Ispettur tal-Pulizija. Is-SIndku ikkonferma fil-pozittiv. Is-Sindku qal li dwar tal-AVIS, is-Sindku talab l-Ispettur jghaddilu c-certifikati; dwar tal-Vivien Corporation l-Ispettur ha jghid lis-sid biex jibda jordna warden; dwar ta’ Coleiro stores, l-Ispettur qal li s-sid se jghatih ic-certifikati li juru li jista jahzen tali materjali; dwar karozzi abbandunati, s-SIndku qal li ta’ lista lill-Ispettur ta’ karozzi abbandunati biex jingabru.

1152 (b) Is-Sindku qal ukoll illi nhar il-Hamis ghandu laqgha il-Ministeru tal-Ambjent u Rizorsi fuq il-*bye-law* tal-iskall.

1152 (c) E Brincat talab lis-Sindku jirrapporta mal-Ispettur, fil-laqgha li jmiss, il-parkegg illegali ta’ *scammels* fit-toroq Box Box u Indri Grima.

1153. Dott. Grima saqsa sarx xi progress fuq il-manteniment tal-funtana msemmija f’minuta 1105. Is-Segretarju spjega li ix-xoghol miexi, u li huwa pjanat lid in il-funtana titlesta ghal zmien il-festa.

1154. Dott. Grima saqsa inghatatx il-laqgha mal-Ministru tal-Edukazjoni msemmija f’minuta 1107. Is-Sindku wiegeb fin-negattiv, u dan avolja anke M



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Agius intervjena biex issir tali laqgha. Il-Kunsill qabel li nitolbu ghal laqgha ufficjalment bil-miktub.

1155. Dwar minuta 1109, Dott. Grima saqsa sarx progress fuq il-kampanja educativa dwar ir-riciklagg. Is-Segretarju qal li harget sejha ghal kwotazjonijiet ta' boroz grizi, izda hadd ma kien ghadu ghame oferta. Is-Sindku qal li kien ghadu qed jiprova igib tali boroz bla hlas mill-Green MT.

1156. Dwar minuta 1110 (a), Dott. Grima qal li l-Kunsilliera ghandhom ikunu avzati qabel meta tali laqgha mal-Ispettur tkun ser issir. Il-Kunsill qabel.

1157. Dwar minuta 1111, E Brincat saqsa kiens hemm risposta dwar bdil tal-*one way* fi Triq San Lwigi min Transport Malta. Is-Segretarju wiegeb fin-negattiv. E Brincat qal li huwa importante li ikolna risposta qabel terga tibda l-iskola.

1159. Dwar minuta 1114, Dott. Grima saqsa jekk il-*parking bays* kienux regghu saru. Is-Segretarju wiegeb fil-pozittiv, izda sfortunatament, regghu thassru ilelgalment xi nofs siegha wara. Il-Kunsill qabel li nergghu nghamluhom u nhallu Pulizija pajzan ghassa.

1160. Dwar minuta1121, Dott. Grima saqsa kienux gew ordnati il-Pulizija ghal waqt il-hrug ta' studenti mill-Kulegg San Martin. Is-Segretarju qal li val□as ghaddejin l-ezamijiet, u il-hinijiet tal-hrug saru varji u ghaldaqstant ma setax jalloka hin specifiku ghal dan l-infurzar.

1161. Dwar minuta 1124, M Baldacchino talbet lill-Kunsill jalloka madwar €200 ohra ghall-attivitajiet ta' qabel il-festa. Il-Kunsill qabel.

1162. Dwar minuta 1127, Dott. Grima saqsa kienux dahlu applikazjonijiet. Is-Segretarju qal li dahlet nomina wahda, fejn il-Kunsillier E Brincat kien qed jinnomina lill-Onor. Prim Mhallef Philip Sciberras. Il-Kunsill qabel ma din in-nomina.

1163. Dwar minuta 1130, Dott. Grima ma qabilx li naqilghu bankina shiha fil-progett ta' Principesca Margerita. Is-Segretarju qal li val□as inqalat parti zghira biss tal-bankina sabiex jghaddi il-*main* tal-ilma gdid, li ma kienx inbidel meta saret il-bankina bil-madum. La darba isiru il-*connectionc* tad-djar mal-*main* tal-ilma, il-bankina titharbad kollha. Il-Kunsill qabel li l-bankina kollha issir mill-gdid.

1164. Dwar minuta 1129(b), M Baldacchino qalet li l-gurnata tal-ftuh tac-Centru tal-Anzjani inbidlet peress li s-Segretarju Parlamentari huwa indispost fil-gurnata proposta mill-Kunsill. M Baldacchino irriferiet il-Kunsill ghal korrispondenza numru 0907, li tindika li d-data gdida tal-ftuh hija l-Gimgha l-1 ta' Lulju 2011.

1165. Dwar minuta 1132, Dott. Grima saqsa sarx progress fuq it-tindif tal-Ghajn tal-Hassellin. Is-Sindku qal li kellem lill-Ministru, u li bghat email lil Ministru u lis-

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

CEO tal-Korporazjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Is-Sindku qal li suppost ghandhom inadfuha il-Ministeru jew il-Korporazjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'dal jumejn li gejjin.

Punt 3 Korrispondenza

1166. 0909 - Il-Kunsillier f'din l-email qieghed jiproponi li l-isem ta' Triq il-Gdida jinbidel u visir Triq Dott. Robert Naudi (Tabib/Politiku). Il-Kunsill qabel.

1167. 0906 ☐ Is-SIndku qara l-email mis-Sur Horace Laudi dwar proposta bies isir bust ghal Dott. Robert Naudi fil-gnien ta' quddiem il-Knisja. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

1168. 0901 ☐ Is-Sindku qara l-email li huwa stess bghat lil MInistru Pulicino u lis-CEO tal-Korporazjoni ghas-Servizzi tal-Ilma dwar il-bzonn ta' tindif tal-Ghajn tal-Hassellin u dwar l-irwejjah ta' drenagg fid-dahla tal-Imsida.

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

1169. Ic-*Chairperson* fakkret biex il-kaxxa tad-disabled parking fi Triq il-Balliju Guttenberg tinzel naqra aktar l-isfel.

Punt 5 Awditjar tal-Finanzi tal-Kunsill ghas-sena finanzjarja 2010

1170. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega ir-rapport fid-dettal. Il-Kunsill approva il-kummenti tal-awditur li fil-maggoranza taghhom kienu pozittivi.

Punt 6 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

1171. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet ghall-approvazjoni.

1172. C Selvaggi issekonda.

1173. Il-pagamenti tal-kontijiet gew approvati u iffirmati.

Punt 7 Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

1174. Bord tal-Evalwazjoni ghal-Skrivan/a ☐ Is-Sindku qal li hadd mill-kandidati msejjha ghall-intervisti ma gew. Ghaldaqstant ser tintbghat email lill-ETC sabiex naraw x'inhu il-pass li jmiss.

1175. Kumitat Offerti Publici ☐ Is-Sindku qal li ntbghatet ittra lill-applikant Michael Mizzi biex jibghat ic-certifikati originali tal-ETC hekk kif prezentati fl-offerta. Is-Sindku qal li l-Kumitat qabbel ic-certifikati (fotokopji) li kienu gew mghemuza mat-tender, ma dawk l-originali li ntbghatu milhux wara li gie mitlub mill-Kunsill biex jghamel hekk. Il-Kumitat innota li dawn ic-certifikati mhumiex l-istess. Is-Sindku qara l-email tal-avukat tal-Kunsill bid-data ta' 17 ta' Gunju 2011.



UNREGISTERED VERSION REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK www.print-driver.com

Is-Sindku qal, li ghaldaqstant, il-Kumitat qed jirrakkomanda biex l-oferta tas-Sur Mizzi tigi skwalifikata peress li ma tissodisfax il-kriterji amministrattivi.

Is-SIndku kompla li wara li gew evalwati it-tenders, u wara il-pariri li ttiehdu mid-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment ghal Gvern Lokali, u l-avukat tal-Kunsill, l-offerti ta’ CA Refuse Collection u tas-Sur Michael MIzzi gew skwalifikati peress li ma jissodisfawx kriterji amministrattivi.

Is-SIndku kompla li ghaldaqstant jonios biss l-offerta ta’ SRF Clearing Services, u li filwaqt li hija l-aktar wahda gholja, din hija xorta wahda ragonevoli u *affordable*. Fuq analizi tat-tender ta’ SRF Clearing Services, jidher li l-kriterji amministrattivi gew sodisfatti kollha.

Il-Kumitat ghaldaqstant qed jirrakkomanda li tintghazel l-offerta ta’ SRF Clearing Services ghas-Servizz ta’ Gbir ta’ Skart Imhallat. Il-Kunsill qabel.

1176. Il-Kumitat qed jirrakomanda ukoll illi jigu preparati it-tender ghas-servizz ta’ tindif tas-sulari ta’ fuq tac-Centru Civiku u ghas-servizz ta’ knis fil-lokalita.

1177. Sotto-Kumitat Anzjani ☐ Is-Sur E Abela qal li fis-7 ta’ Lulju ser issir ikla ghall-anzjani, fejn il-Kunsill approva ukoll li l-haddiema tal-Kunsill ikunu mistiedna.

Punt 8 Affarijiet ohra jekk urgenti

1178. Is-Sindku propona li bhala parti mill-attivitajiet ta’ qabel il-festa jigi organista *tournament* tal-futbol fl-iskola Mater Dei, liema *tournament* jista isir flimkien mal-Msida St. Joseph Football Club. Il-Kunsill qabel li dan isir bil-budget ta’ €400.

1179. C Selvaggi qal li hemm kaxxa safra quddiem *store* fi Triq il-Qawsalla. Huwa qal ukoll li ghanda issir tabella bil-hinijiet ta’ x’hin tista tintuza l-Un/Loading bay fi Triq il-Knisja.

1180. E Brincat propona skema sabiex il-Kunsill jincentiva t-tfal Misidjani biex jattendu in-Nursery tal-Futbol. Huwa propona li l-Kunsill ihallas €20 mil-mizata tan-Nursery ghal kull tifel li jattendi ghas-*season* li jmiss 2011/2012. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jiccekja mad-Dipartiment jekk tali skema hix permissibli.

1181. Is-Segretarju Ezekuttiv propona li Mirane Camilleri tigi *promoted* ghall-ghola notch fi Skala 13, wara li din issa bdiet tassumi aktar responsabiltajiet. Il-Kunsill qabel.

1182. M Baldacchino qalet li giet avvicinata mill-Iscouts fejn dawn qed jipropona li jinghataw arti min gnien biex jiehdu hsiebu huma. Il-Kunsill qabel li bhala prova tinghata ir-*roundabout* ta’ Msida Circus.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1183. E Abela qal li ghanda tinzebah 'SLOW' fi Triq il-Knisja kantuniera ma Rue D'Argens u ohra fi Triq Jhonny Catania kantuniera ma Triq il-Gdida.

1184. Is-Sindku qal li ser issir mixta fl-Imsida mill-Union Haddiema Maghqudin, fejn waqt din il-mixja il-Union ser thawwel sigra bhala parti mit-Tree4You Campaign.

1185. Is-Segretarju Ezekuttiv qajjem il-materja dwar permessi relatati mal-festa.

Is-Segretarju talab kjarifika mill-Kunsill jekk ghandhomx jinhargu *objections* ghal permessi li ghaqdiet jistghu jghamlu mal-Pulizija biex jarmaw *bars* fil-jiem tal-festa: fil-gonna, madwar il-monument tal-haddiema u/jew postijiet ohra godda.

Il-Kunsill qabel li ma ghandniex noggezjonaw ghal *bar* tal-Klabb tal-Banda ghax dan dejjem jintrama fuq il-bankina quddiem l-istess Klabb. Il-Kunsill qabel li ghandna noggezjonaw ghal kull applikazjoni ta' bar iehor biex jintramaw fuq barra.

Il-Kunsill qabel ukoll illi applikazjonijiet ghal *kiosks* isiru skond il-procedura stabillita, u li applikazjonijiet godda ghandhom jinghataw post fuq wara ta' Triq ix-Xatt ta' Xbiex.

Punt 9 Aggornament

1186. Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss issir nhar is-26 ta' Lulju 2011.

1187. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.03

Approvati llum ________________________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com